MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 94/2008

**Go p.l.c.– C 22334**

**Vs**

**Camline Internet Services Limited C 26528**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma t'elfejn, disa' mija u dsatax-il euro u erbgha u sittin centezmu (€2,919.64) - (Lm1,253.40) liema ammont huwa dovut lis-socjetà attrici in konnessjoni ma' diversi servizzi telefonici skond id-dokumenti annessi mal-Avviz u skond diversi kontijiet mibghuta lis-socjetà konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjetà konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-

kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li s-socjetà konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas is-somma t’elfejn, disa’ mija u dsatax-il euro u erbgha u sittin centezmu (€2,919.64) - (Lm1,253.40), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tas-socjetà konvenuta.

**Av. Peter Borg Costanzi**
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------